IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2021
COM(2021) 274 final

2021/0133 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt (JCDs, Joint Committee Decisions) dwar l-emendi tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ŻEE

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE") jiggarantixxi drittijiet u obbligi ugwali fis-Suq Intern għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi fiż-ŻEE. Huwa jipprevedi l-inklużjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri l-erba' libertajiet fit-30 Stat taż-ŻEE li jinkludu l-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein. Barra minn hekk, il-Ftehim ŻEE jkopri l-kooperazzjoni f'oqsma importanti oħra bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-turiżmu u l-kultura, li kollettivament huma magħrufa bħala politiki "ta' appoġġ u orizzontali". Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994. L-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri tagħha, hija parti għall-Ftehim.

2.2. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-Ftehim ŻEE. Huwa forum għall-iskambju ta' fehmiet marbuta mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu permezz ta' kunsens. F'konformità mat-Trattat ta' Lisbona, ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet taż-ŻEE fuq in-naħa tal-UE hija tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mistenni jadotta żewġ Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ("l-atti previsti") dwar l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE.

L-għan taż-żewġ atti previsti huwa li kemm ir-Regolament (UE) 2018/1971 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)[1], kif ukoll id-Direttiva (UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni) jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

L-atti previsti se jsiru vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Is-SEAE flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni jippreżentaw l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Is-

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009, ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1.

SEAE jittama li jkun fil-qagħda li jippreżentahom fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

Il-kontenut u n-natura tal-abbozzi tad-Deċiżjonijiet annessi tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jmorru lil hinn minn dawk li jistgħu jitqiesu bħala sempliċi adattamenti tekniċi fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

Id-Deċiżjonijiet annessi tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (JCDs) fihom, fost l-oħrajn, l-adattamenti li ġejjin.

3.1. Adattamenti għar-Regolament (UE) 2018/1971 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) – Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt fl-Anness 1

Introduzzjoni

Skont l-istruttura istituzzjonali tal-Ftehim ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA twettaq il-kompetenzi ta' sorveljanza tal-Kummissjoni fil-pilastru tal-EFTA u konsegwentement se tirrifletti s-setgħat ta' sorveljanza tal-Kummissjoni previsti fir-Regolament (UE) 2018/1971 (ir-Regolament BEREC) u fid-Direttiva (UE) 2018/1972 (id-Direttiva li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (id-Direttiva KEKE)[2]) fil-pilastru tal-EFTA.

Ir-Regolament BEREC u d-Direttiva KEKE jistabbilixxu għadd ta' kompiti għall-BEREC, li għandhom l-għan li jiżguraw l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. Peress li l-BEREC għandu rwol importanti fl-applikazzjoni tar-Regolament BEREC u tad-Direttiva KEKE, ir-Regolament u d-Direttiva KEKE huma marbutin b'mod intrinsiku. Din ir-rabta tissarraf ukoll f'żewġ abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt li jinkorporaw id-Direttiva u r-Regolament BEREC fil-Ftehim ŻEE. Huwa importanti li ż-żewġ abbozzi ta' JCDs jiġu eżaminati flimkien biex tinftiehem l-istruttura sħiħa fil-kuntest taż-ŻEE.

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt (fl-Anness 1) fih tliet settijiet differenti ta' adattamenti li se jiġu ppreżentati hawn taħt: il-modalitajiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-BEREC (it-taqsima B), l-adattamenti li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjoni bejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-BEREC (it-taqsima C), adattamenti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-BEREC (it-taqsima D) kif ukoll l-adattamenti ġenerali użati b'mod komuni fil-kuntest taż-ŻEE (it-taqsima E).

Modalitajiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-BEREC

Il-BEREC ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 u bir-Regolament (UE) 2018/1971 biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp u għall-funzjonament aħjar tas-suq intern għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika bil-għan li jiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjoni elettronika. Ir-Regolament jirrikonoxxi wkoll ix-xewqa li jintlaħqu dawn l-objettivi f'kuntest taż-ŻEE u jiddikjara li jenħtieġ li l-BoR (il-Bord tar-Regolaturi) tal-BEREC, il-gruppi ta' ħidma u l-Bord Maniġerjali tiegħu jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs) tal-Istati taż-ŻEE-EFTA sabiex tiġi estiża l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi lill-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja[3].

Skont l-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE:

---

[2] ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.

[3] Ara l-premessa 34 tar-Regolament (UE) 2018/1971.

> "1. Rigward il-kumitati li ma humiex koperti la bl-Artikolu 81 [il-kumitati tal-programm] u lanqas bl-Artikolu 100 [il-kumitati tal-komitoloġija] l-esperti mill-Istati tal-EFTA għandhom ikunu assoċjati max-xogħol meta dan ikun meħtieġ mit-tħaddim tajjeb ta' dan il-Ftehim.
>
> Dawn il-kumitati huma elenkati fil-Protokoll Nru 37. Il-modalitajiet ta' din l-assoċjazzjoni huma mniżżla fil-Protokolli u Annessi settorali rilevanti li jittrattaw il-materja inkwistjoni.
>
> 2. Jekk il-Partijiet Kontraenti jidhrilhom li assoċjazzjoni bħal din għandha tkun estiża għal kumitati oħra li jkollhom karatteristiċi simili, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jemenda l-Protokoll Nru 37."[4]

Il-BEREC la huwa kumitat tal-komitoloġija u lanqas mhuwa stabbilit skont programm. Bħala forum għall-kooperazzjoni fost ir-regolaturi, il-BEREC jaqa' fil-kategorija ta' "kumitati oħra" fis-sens tal-Artikolu 101 ŻEE li huma elenkati fil-Protokoll 37. Skont dik id-dispożizzjoni, "il-modalitajiet ta' assoċjazzjoni huma mniżżla fl-Anness settorjali rilevanti li jittratta l-materja inkwistjoni". Tali modalitajiet huma introdotti fl-Annessi (tal-Ftehim ŻEE) taħt il-punt rilevanti u huma preċeduti minn sentenza introduttorja li tinqara "*Modalitajiet għall-assoċjazzjoni tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 101 tal-Ftehim*" (ara, pereżempju, il-JCD ŻEE Nru 192/2014, Nru 18/2013, Nru 92/2010, Nru 10/2004). Modalitajiet bħal dawn mhumiex meqjusa bħala "testi ta' adattament", peress li ma għandhomx l-għan li jbiddlu r-regoli li jinsabu fl-att inkorporat fil-Ftehim ŻEE, iżda pjuttost li jissupplimentawhom kif meħtieġ biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-assoċjazzjoni.

Il-modalitajiet għall-assoċjazzjoni jipprevedu li l-NRAs taż-ŻEE-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħidma tal-BoR tal-BEREC, tal-gruppi ta' ħidma tal-BEREC u tal-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC, li l-NRAs taż-ŻEE-EFTA għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħal NRAs oħra tal-UE ħlief għad-dritt tal-vot, iżda ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-presidenza tal-BoR tal-BEREC u tal-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC. Madankollu, l-NRAs taż-ŻEE-EFTA jistgħu jippresiedu l-gruppi ta' ħidma. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati taż-ŻEE-EFTA għandhom ikunu rrappreżentati f'livell xieraq skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti BEREC (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament BEREC). Il-parteċipazzjoni tal-NRAs tal-EFTA hija kruċjali biex titrawwem il-konverġenza regolatorja.

Il-modalitajiet jipprevedu wkoll li l-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC se jassistu lill-NRAs taż-ŻEE-EFTA u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Adattamenti relatati mar-relazzjoni bejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-BEREC

L-adattamenti (a) (i) u (ii) jispeċifikaw li l-BEREC għandu jassisti u jagħti pariri lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, rispettivament biex joħroġ linji gwida fuq talba ta' din tal-aħħar.

Peress li l-NRAs taż-ŻEE-EFTA mhux se jkollhom drittijiet tal-vot fil-BEREC, l-adattament (a)(iii), li jżid paragrafu 1a ġdid mal-Artikolu 4, jipprevedi li l-pożizzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati taż-ŻEE-EFTA għandhom jiġu rreġistrati separatament mill-BEREC meta joħorġu opinjonijiet skont l-Artikolu 4(1)(c) (i) u (ii) tar-Regolament. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-opinjonijiet dwar l-abbozz tal-miżuri tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs) taż-ŻEE-EFTA skont l-Artikoli 32 u 33 tad-Direttiva KEKE u l-opinjonijiet dwar it-tilwim transfruntier skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva KEKE.

[4] Fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena, l-Istati taż-ŻEE-EFTA ġew assoċjati ma' varjetà ta' korpi tal-UE skont din id-dispożizzjoni. Il-lista sħiħa ta' dawn il-korpi tinsab fil-verżjoni aġġornata tal-Protokoll 37. Ara hawnhekk.

Skont l-adattament (a)(v), l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tqis bis-sħiħ kwalunkwe linja gwida, opinjoni, rakkomandazzjoni, pożizzjoni komuni u l-aħjar prattiki adottati mill-BEREC.

Adattamenti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-BEREC

L-Uffiċċju tal-BEREC huwa korp tal-UE b'personalità ġuridika[5] u huwa aġenzija li tappoġġa lill-BEREC. F'konformità mal-inkorporazzjoni minn qabel fil-Ftehim ŻEE ta' dokumenti fundaturi għall-aġenziji tal-UE[6], il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet tal-Uffiċċju tal-BEREC hija rregolata fl-adattamenti tar-Regolament BEREC. Peress li l-Uffiċċju tal-BEREC ma jwettaq l-ebda kompitu ta' politika f'ismu stess, din il-parteċipazzjoni hija pjuttost ta' natura amministrattiva.

Skont l-adattament (e) tar-Regolament BEREC, l-Istati taż-ŻEE-EFTA se jikkontribwixxu finanzjarjament għar-riżorsi tal-Uffiċċju tal-BEREC billi jipparteċipaw fis-sussidju tal-Unjoni. F'konformità mal-prattika tal-imgħoddi, din il-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi stabbilita skont il-proċeduri li jinsabu fl-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim ŻEE.

Skont l-Artikoli 12 (2) (a) u 82 (3) (a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea ("CEOS"), aġenti temporanji jew persunal kuntrattwali, rispettivament, għandhom normalment jiġu impjegati sakemm ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-UE, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-awtorità tal-ħatra. L-adattament (f), għalhekk, jipprovdi deroga wiesgħa għaċ-ċittadini taż-ŻEE-EFTA, li jenħtieġ li jitqies bħala eliġibbli bl-istess termini u taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-UE.

L-Artikoli 12(2)(e), 82(3)(e) u 85(3) CEOS jirreferu għall-Artikolu 55(1) TUE dwar il-lingwi tal-Unjoni. Barra minn hekk, fir-rigward tal-persunal tiegħu, l-adattament (f) jipprevedi li l-Uffiċċju tal-BEREC għandu jqis il-lingwi uffiċjali msemmija fl-Artikolu 129(1) ŻEE bħala lingwi tal-Unjoni fir-rigward tal-persunal tiegħu.

Fl-aħħar nett, l-adattament (g) jipprevedi li l-Istati taż-ŻEE-EFTA għandhom japplikaw l-istess privileġġi u immunitajiet bħall-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-Uffiċċju tal-BEREC u l-persunal tiegħu, kif deskritt fil-Protokoll (Nru 7) anness mat-TUE u mat-TFUE.

Adattamenti oħra

F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Ftehim ŻEE, huma biss l-atti li ġew inkorporati fil-Ftehim li huma vinkolanti għall-Istati taż-ŻEE-EFTA. Għalhekk, ir-referenza għal-liġi tal-Unjoni fl-Artikolu 4(4) tiġi aġġustata biex tirrifletti li, f'kuntest taż-ŻEE, il-qafas legali ta' referenza huwa l-Ftehim ŻEE (l-adattament (a)(iv)).

Sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar konsistenti tar-regoli taż-ŻEE, l-adattamenti (b) u (d) tar-Regolament jipprevedu li, flimkien mal-Kummissjoni, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun irrappreżentata wkoll fil-BoR tal-BEREC u fil-Bord Maniġerjali. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kuntrarju għall-Kummissjoni, mhux se jkollha drittijiet tal-vot fil-Bord Maniġerjali.

L-adattament (c) għall-Artikolu 13(3) jaġġusta t-test biex l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tkun tista' tipparteċipa fi gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-BoR tal-BEREC. Bħal fil-każ tal-Kummissjoni, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tistax tieħu sehem fi gruppi ta' ħidma

[5] L-Artikolu 2(1) tar-Regolament BEREC.

[6] Il-lista ta' aġenziji tal-UE b'parteċipazzjoni tal-EFTA, u d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt li jinkorporaw ir-Regolamenti fundaturi tagħhom fil-Ftehim ŻEE, jistgħu jinsabu fuq http://www.efta.int/eea/eu-agencies .

li huma stabbiliti biex iwettqu l-kompiti msemmija fil-punt (c)(ii) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mhuwiex parti mill-Ftehim ŻEE. L-adattament (h) tal-Artikolu 36 għandu l-għan li jiżgura li kwalunkwe dokument imħejji mill-BEREC jew mill-Uffiċċju tal-BEREC rigward l-Istati taż-ŻEE-EFTA se jiġi indirizzat skont ir-Regolament. L-istess adattament huwa normalment previst fir-rigward ta' aġenziji li fihom jipparteċipaw l-Istati taż-ŻEE-EFTA.

L-adattament (i) jaġġusta t-test tal-Artikolu 40(2) biex jirrifletti r-rwol tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fid-dispożizzjoni rilevanti u biex jiċċara li fil-kuntest taż-ŻEE r-referenza għal-"liġi tal-Unjoni u nazzjonali" għandu jinftiehem bħala l-"Ftehim ŻEE u l-liġi nazzjonali".

L-adattament (j) jaġġusta t-test tal-Artikolu 41(1)(a) biex jipprovdi lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bl-istess aċċess għas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni bħall-Kummissjoni, li huwa importanti biex tiġi żgurata kooperazzjoni tajba u implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi.

3.2. Adattamenti għad-Direttiva (UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni) – Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt fl-Anness 2

Id-Direttiva għandha l-għan li toħloq suq intern għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-UE u tissostitwixxi d-Direttivi 2002/19/KE, 2002/20/KE, 2002/21/KE, u 2002/22/KE, li ġew inkorporati fl-Anness XI tal-Ftehim ŻEE. B'mod parallel mal-adozzjoni tad-Direttiva, l-UE adottat Regolament (UE) 2018/1971 ġdid li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC).

Id-Direttiva tistabbilixxi għadd ta' kompiti għall-BEREC, li għandhom l-għan li jiżguraw implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. Peress li l-BEREC għandu rwol importanti fl-applikazzjoni tar-Regolament u tad-Direttiva, ir-Regolament BEREC u d-Direttiva huma marbuta b'mod intrinsiku. Din ir-rabta tissarraf ukoll fiż-żewġ abbozzi ta' JCDs li jinkorporaw id-Direttiva u r-Regolament BEREC fil-Ftehim ŻEE, li huma mehmuża ma' dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. Huwa importanti li dawn iż-żewġ abbozzi ta' JCDs jiġu eżaminati flimkien biex tinftiehem l-istruttura sħiħa fil-kuntest taż-ŻEE.

Kompitu importanti assenjat lill-BEREC huwa li joħroġ, fejn xieraq, opinjonijiet dwar miżuri tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (NRAs) u tilwim transfruntier (l-Artikoli 27, 32 u 33 tad-Direttiva). Għall-finijiet tal-Ftehim ŻEE, l-abbozz tal-JCD tar-Regolament jispeċifika l-modalitajiet għall-parteċipazzjoni tal-NRAs taż-ŻEE-EFTA fil-BEREC. Huwa jipprevedi wkoll li l-pożizzjonijiet tal-NRAs taż-ŻEE-EFTA dwar l-opinjonijiet tal-BEREC jiġu rreġistrati separatament, u li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tqis bis-sħiħ kwalunkwe linja gwida, opinjoni, rakkomandazzjoni, pożizzjoni komuni u l-aħjar prattika adottata mill-BEREC. Barra minn hekk, l-abbozz tal-JCD fih xi adattamenti meħtieġa oħra f'kuntest taż-ŻEE.

L-abbozz tal-JCD li jinkorpora d-Direttiva min-naħa tiegħu jipprevedi adattamenti oħra għad-Direttiva li huma meħtieġa fl-isfond tal-Ftehim ŻEE.

Liġi tal-Unjoni / il-Ftehim ŻEE (l-adattament (a))

F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Ftehim ŻEE, huma biss l-atti li ġew inkorporati fil-Ftehim li huma vinkolanti għall-Istati taż-ŻEE-EFTA. Għalhekk, ir-referenza għal-liġi tal-Unjoni trid tiġi aġġustata biex tirrifletti li, fil-kuntest taż-ŻEE, il-qafas legali ta' referenza huwa l-Ftehim ŻEE.

Opinjonijiet tal-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (adattament (b)):

Skont l-adattament (b) tal-Artikolu 28, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA hija kompetenti biex tieħu deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati tal-EFTA.

L-adattament jipprovdi wkoll li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tqis bl-akbar reqqa l-opinjoni tal-RSPG. Dan biex jiġi żgurat li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tibbaża fuq l-istess għarfien espert bħall-Kummissjoni meta twettaq il-kompitu tagħha vis-à-vis l-Istati tal-EFTA taħt l-istruttura ta' żewġ pilastri tal-Ftehim ŻEE.

Barra minn hekk, fil-każijiet li jikkonċernaw kemm l-Istati tal-EFTA kif ukoll l-Istati Membri tal-UE, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw bil-ħsieb li jaqblu dwar deċiżjonijiet biex tiġi riżolta l-interferenza dannuża transfruntiera.

Referenza għall-Artikolu 267 TFUE / l-Artikolu 34 SCA (il-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja) (l-adattament (c)):

L-adattament (c) jaġġusta l-qafas legali fir-rigward tal-qrati jew it-tribunali fl-Istati tal-EFTA billi jissostitwixxi r-referenza għall-Artikolu 267 TFUE b'referenza għall-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.

Identifikazzjoni ta' swieq transnazzjonali (l-adattament (d)):

It-test ta' adattament issuġġerit fl-abbozz tal-JCD jikkorrispondi għal dak li huwa attwalment previst fl-adattament (d) skont id-Direttiva 2002/21/KE (ara l-punt 5cl fl-Anness XI ŻEE) rigward il-modalitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Kummissjoni.

Referenza għall-"Karta" aġġustata (l-adattament (e)):

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija strument ta' liġi primarja tal-UE li ma tkunx vinkolanti fuq dawk li mhumiex Stati Membri u ma huwiex rilevanti fil-kuntest taż-ŻEE. Għalhekk, l-adattament (g) tad-Direttiva jaġġusta r-referenza għall-Karta li tinsab fl-Artikolu 100(1) biex tirreferi għal "drittijiet fundamentali u prinċipji ġenerali tal-Ftehim ŻEE, u r-referenzi fl-Artikolu 100(2) biex jirreferu għal "drittijiet fundamentali".

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tal-liġi internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont il-liġi internazzjonali, iżda li "*jistgħu*

jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni".[7]

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim ŻEE. L-att li l-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont il-liġi internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE b'rabta mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE b'rabta mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 tiddependi primarjament fuq il-bażi ġuridika sostantiva tal-atti legali tal-UE li għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti huma relatati mal-approssimazzjoni tal-liġijiet u għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 114 TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 114, b'rabta mal-Artikolu 218(9) TFUE u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-atti tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE se jemendaw l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

[7] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja v il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

2021/0133 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[8], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[9] ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Biex il-Ftehim ŻEE jiffunzjona sew, il-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi estiż biex jinkludi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1971.

(5) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati tal-EFTA se jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħidma tal-Bord ta' Regolaturi tal-BEREC, il-gruppi ta' ħidma tal-BEREC u l-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC, minbarra d-dritt tal-vot. Il-pożizzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati tal-EFTA se jiġu rreġistrati separatament meta l-BEREC joħroġ

[8] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

[9] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

[10] Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1).

opinjoni. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA se tqis bis-sħiħ l-opinjonijiet adottati mill-BEREC.

(6) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(7) Id-Direttiva (UE) Nru 2018/1972 tħassar, b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/19/KE, 2002/20/KE u 2002/21/KE, 2002/22/KE li kienu inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE u li konsegwentement għandhom jiġu revokati skont il-Ftehim taż-ŻEE b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020.

(8) Għalhekk, l-Anness XI u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq,

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ippreżentat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżwali u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[11] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni), kif korretta bil-ĠU L 334, 27.12.2019, p. 164, ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.